VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,365, 12 ta' Marzu, 2020
Taqsima B

A.L. 40 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(Kap. 465)

Ordni tal-2020 dwar il-Perjodu ta' Kwarantina

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika għamel l-ordni li ġej:

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2020 dwar il-Perjodu ta' Kwarantina.

Perjodu mandatorju ta' kwarantina.

2. (1) Is-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jordna permezz ta' dan l-Ordni li kull persuna li tasal Malta minn xi pajjiż elenkat fis-subartikolu (3) għandha tissottometti ruħha għal perjodu ta' kwarantina ta' erbatax (14)-il ġurnata minnufih malli jasal f'Malta.

(2) Dan l-Ordni jgħodd ukoll għal persuni li jgħixu fl-istess residenza bħall-persuna msemmija fis-subartikolu (1).

(3) Il-pajjiżi li għalihom jirreferi dan l-Ordni huma dawn li ġejjin:

(a) l-Italja

(b) l-Isvizzera

(ċ) Franza

(d) il-Ġermanja

(e) Spanja

(f) iċ-Ċina, inkluża Hong Kong

(g) Singapore

(h) il-Ġappun

(i) l-Iran

(j) il-Korea t'Isfel:

Iżda s-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika jista', fid-diskrezzjoni tiegħu, iżid jew inaqqas din il-lista permezz ta' avviż fil-Gazzetta.